**KUNSILL LOKALI TAL-MTARFA**

---

**IL-HAMES LEGISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGHA TAL-KUNSILL**

**LAQGHA NUMRU 14 – L-ERBGĦA 28 TA' LULJU 2010 FIS 7:00PM**

Il Kunsill iltaqa' fl-Ufficju Amministrattiv tal-Kunsill

Prezenti

| | |
|---|---|
| Anthony Mifsud | Sindku |
| Simon Paul Fenech | Vici Sindku |
| Anatole Scerri Diacono | Kunsillier |
| Antoine Vella | Kunsillier |
| Helen Maria Bugeja | Kunsilliera |
| Michael Portelli | Segretarju Ezekuttiv |
| Kurt Guillaumier | Aġent Segretarju Eżekuttiv |

Peress li kien hemm xi nies li ġew mistiedna biex ikunu jafu dwar l-andament tat-tenders l item Ftuħ ta tenders Mixed Household Waste Collection kien imressaq fil-bidu.

1. **FTUĦ TA TENDERS MIXED HOUSEHOLD WASTE COLLECTION**

Waqt il-laqħa kien hemm preżenti il-kuntratturi li tefgħu l-offerti tagħhom għat tender tal-ġbir ta skart domestiku. Għal ftuħ tat-tenders kien hemm preżenti l-Viċi Sindku, Simon Fenech u l-Kunsillier Antoine Vella.

Is-Segretarju fetaħ il-kaxxa tat-tenders u sab li kien hemm tlett kuntratturi differenti li ssottomettew l-offerta tagħhom. Wara l-ftuħ is-Segretarju fetaħ l-envelopes biex jkun jista jiċċekkja kienx hemm id-dokumenti li suppost kellhom jiġu sottomesi. Wara li ċċekkja x kien hemm bħala dokumenti qara l-offerti li ssottomettew il-kuntratturi. Dan it-tender se jkun diskuss aktar fit-tul u jintgħażel il-kuntrattur li se jieħu ħsieb dan ix-xogħol aktar il-quddiem.

2. **QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

**Punti li joħorġu mill-laqgħa preċedenti**

Is-Sindku saqsa jekk kinitx intbagħtet l ittra t interess rigward id-devoluzzjoni tal-iskola sekondarja. Din kellha tintbagħat lil Ministeru tal-Edukazzjoni, lil Lands

Department u Housing Authority. Is-Segretarju wieġeb li kien qed jipprepara din l-ittra.

Il-Viċi Sindku saqsa fuq l-applikazzjoni li kellu jsir street lighting fi Triq Prosperina jekk kinitx saret ittra dwarha. Is-Segretarju wieġeb li kien għamel l ittra konċernata.

## 3. ĦLASIJIET U PAGAMENTI

Is-Segretarju ressaq il-lista tal-Pagamenti għax xahar ta Lulju.

Fuq pagament 8 il-Kunsillier Anatole Scerri Diacono saqsa il għala l-Allowance tal-Kunsilliera Helen Bugeja ħadet inqas mill-bqija tal-Kunsilliera. Is-Segretarju spjega li minnhom kienu mnaqqsin il-passaġ li kellu jitħallas għal Arvidsjaur.

Il-Kunsillier Antoine Vella saqsa fuq pagament numru 12 peress li kien hemm dubbju li dan il-pagament seta' ġie mħallas diġa. Is-Segretarju ġab is-Schedule of Payments tax-xhur ta qabel fejn kien sab li dan il-pagament kien imwaqqaf peress li kellha issir mistoqsija fuqu. Is-Segretarju semma li kien saqsa lil ta Mannarinu u dan iverifika li l-ordni kienet saret fuq il-prezz imsemmi.

Is-Sindku saqsa fuq pagament numru 35 peress li dan deher għoli. Is-Segretarju spjega li kien jinkludi wkoll spejjeż ta luminata fih dan il-pagament. Is-Sindku semma li din il-luminata kienet ingħatat lura u allura ma kellu jitħallas xejn fuqha.

Is-Sindku saqsa ukoll fuq pagament numru 40 tal-Iscouts peress li huwa għoli. Is-Sindku semma li l ftehim mal-Scouts kien ta 100 Euro u mhux 150 Euro kif kien hemm imniżżel fl invoice. Huwa ssuġġerixxa biex inkellmuhom lura sabiex jiġi koreġġut dan l-iżball.

Fuq pagament numru 49 is-Sindku qal biex dan jitwaqqaf peress li kienet saret ittra bl-avukat biex il-Housing Authority jispjega il-għala qed jintalab dan il-pagament.

## 4. OFFERTA GĦAS-SERVIZZ TA VANN

Kien hemm żewġ offerti li ntefgħu biex jiġi offert is-servizz ta vann għal Anzjani li jużaw id-Daycentre. Waħda minhom kienet offerta mingħand il-Paramount Garages u oħra ingħatat mingħand Dalton's Garage.

L-offerta li offra Dalton's Garage hija ta 22 Euro (VAT inkluża) two way.
l-offerta l-oħra hija imsemmija hawn fuq hija dik tal-Paramount Garages li kienet tammonta għal 11.53 Euro kull trip (VAT mhux inkluż). Peress li bħala total żewġ trips jiġu 23.06 (VAT mhux inkluż) Euro din hija ogħla mill-offerta imsemmija hawn fuq.

F' dan il-każ l-offerta li ingħatat lil Dalton's Garage peress li hija l-aktar waħda vantaġġjuża.

## 5. KORRISPONDENZA

### 5.1 Korrispondenza mis-Sindku

Is-Sindku ppreżenta kwotazzjoni għal arbli li hemm tad-dawl fi Triq Gregorio Caraffa li biex dawn tinbidel il connection ta ġewwa din tammonta għal madwar € 110 kull arblu. Din ġiet ippreżentata min JM Installations. Il-Viċi Sindku semma li bħalissa diġa hemm arbli li qed jinbidlu f din it-Triq.

L-Aġent Segretarju semma li kien kellem lil Housing Authority rigward il-każ ta Binja Qlejgħa. Huma qalu lil Aġent Segretarju li meta dan inbena u nbiegħ, huwa kien inbiegħ tale quale. Is-Sindku spjega il-każ li l-Kunsill qed jitlob biex jara d-dokumentazzjoni fejn l-Awtorita qed tgħid li dan ġie devolut lil Kunsill imma talli dokumentazzjoni qatt ma waslet. Kien hemm suġġeriment biex jiġu eżaminati l-minuti ta wara Settembru 2006 biex wieħed jara x intqal waqt il-laqgħat u jara hemmx xi referenza għad devoluzzjoni.  Is-Sindku semma li din issa hemm bżonn li tirrisolva peress li issa ilha snin għaddeja. Is-Segretarju ippreżenta email li waslet mingħand l-avukat li tgħid li biex tinfetaħ il-kawża din tammonta madwar € 1580. Is-Sindku semma biex tinkiteb ittra lir-residenti li joqgħodu Binja Qlejgħa dwarha u tiġi diskussa magħhom u ssir referenza għal email ukoll.

Is-Sindku ressaq ittra fejn saret talba għal speed camera fi Triq il-Maltin Internati u Eżiljati. Huwa qal li din it-Triq mhix taħt ir-responsabilta tal-Kunsill u allura trid tinkiteb lil Awtorita tat-Trasport.

Is-Sindku ressaq ukoll ittra miktuba min Joe Spiteri li huwa l-iskrivan tal-Kunsill. Fl-ittra tiegħu s-Sur. Spiteri talab biex jitħallas għal ġranet li qed jaħdem is-Sibt bħala overtime. Fl-istess ittra l-Iskrivan talab ukoll għan nofs ta nhari barra ix-xahar t Awwissu biss. Is-Sindku saqsa lis-Segretarju x inhuma l hinijiet minimi li għandu jiftaħ il-Kunsill nhar ta Sibt u dan wieġeb li huma mit 8.00 a.m. sal 11.30 a.m. Għalhekk is-Sindku semma li għandu jiġi komputat kemm il-Sibt ħadem l-iskrivan biex jitħallas tagħhom. Is-Sindku semma li għandu jkun hemm tnaqqis mill-ħlas peress li dan irrid jkun ħadem biex jieħu n-nofs ta nhari t' Awwissu u dawn ma ħadimx għalihom fix-Xitwa.

Il-Kunsill iddiskuta fuq il-Performance Bonus tas-Segretarju Eżekuttiv peress li kien wasal biex jinbidel. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel li s-Segretarju jingħata 7% performance bonus.

Is-Sindku semma li l-Kunsill irċieva 1500 Euro min applikazzjoni ta fondi ta restawr ta postijiet storiċi. Dawn il-fondi se jmorru biex tiġi rrestawrata l-istatwa ta San Nikola. Is-Sindku semma li għal dan il-għan irrid joħroġ tender biex issir restawr fuq l-istatwa biss. Is-Sindku semma li jekk ix-xogħol tar-restawr jilħaq issir fil-ħin il-Kunsill jġib fondi oħra li jistgħu immorru għal proġett ieħor min dawk li applikajna għalihom.

Is-Sindku qal li hemm bżonn li tinkiteb lil-One TV rigward il-kummenti li ntqalu fuq il-Kunsill li dan ma kien qed jagħmel xejn. Is-Sindku semma li dan il-każ kien rigward xi rampa. Il-Viċi Sindku semma li dan il-każ huwa rigward ir-rampa li saret lil Anna Buttigieg. Is-Sindku ssuġġerixxa li hemm bżonn li tinkiteb lil One TV fuq dan il-każ u jingħataw risposta li tali allegazzjonijiet mhumiex minhom.
Is-Sindku issuġġerixxa li jinħareġ it-tender tal-bulky refuse. Is-Sindku ssuġġerixxa li terġa issir l-applikazzjoni għat tieni fażi tal-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ.

### 5.2 Korrispondenza mill-Kunsillier Anatole Scerri Diacono

Il-Kunsillier Anatole Scerri Diacono semma li kien mar maratona mid-Dar tal-Providenza u kien ta donazzjoni ta € 5 għan nom tal-Kunsill.

Il-Kunsillier Anatole Scerri Diacono ta suġġeriment biex issir get together għal dawk in-nies li kienu ġew Arvidsjaur. Il-kunsilliera issuġġerixew li jsir barbeque u jingħataw DVD li jitħallas min naħa tal-Kunsill. L-ispejjeż tal-barbeque irridu jitħallsu mill-individwi.

### 5.3 Korrispondenza mill-Kunsillier Antoine Vella

Il-Kunsillier Antoine Vella semma li kien tkellem ma Clyde Meli rigward il-website biex jara meta ħa jibda x-xogħol. Huwa kiteb lura u anki qal li kien tkellem ma persuna mil-MITA rigward id-DNS u qal biex aħna nikkuntatjawh. Huwa sema ukoll li kien se jsir meeting il-ġimgħa d-dieħla anki fuq l-andament tax-xogħol.

Il-Kunsillier kien infurmat ukoll li kien qed issir xi vandaliżmu fejn l-Isolation Quarters fejn xi nies daħlu ġewwa u anki fetħu l-bibien. F' dan il-punt is-Sindku semma wkoll li wara l-iskola Sekondarja huwa kien mar mal-Pulizija fejn flimkien ġabru saringi min fuq il-post.

Il-Kunsillier semma li reġa qed ikun hemm ħafna ħmieg tal-klieb f diversi bnadi tal-Mtarfa. Is-Sindku appella biex f dan il-punt jiġi mqabbad is-servizz ta Green Warden u qal lis-Segretarju biex jagħmel kuntatti u jinġieb dan is-servizz.

Il-Kunsillier tkellem ukoll dwar il-bring in sites li kien qed jitħalla ħafna ħmieġ madwarhom. Huwa semma wkoll li skont il-kuntratt li kien hemm kellhom jitwaħħlu wkoll camers li jimoniterjaw xi jkun qed jsir madwar il-bring in sites. Dawn s' issa għadhom ma twaħħlux u qed ikun hemm problema kbira fejn in-nies qed iħallu l isart maġenb il-bring in sites. Is-Sindku appella biex jiġu kkuntatjatti l-Green MT mill-aktar fiss possibli peress li huma responsabbli tal-bring in sites u jieħdu ħsiebhom kif semmew fil-kuntratt.

Il-Kunsillier Antoine Vella issuġġerixxa biex issir First Aid course. Is-Sindku semma li għandu xi kuntatti ma organiżazzjonijiet li jistgħu joffru dan il-kors u se jkellimhom biex jara liem hu l-aħjar prezz.

## 6. AĠĠORNAMENTI U XOGĦOLIJIET

Il-Kunsillier Anatole Scerri Diacono semma li hemm leakage tal-ilma f 69 Triq Sir Philip Pullicino

L-istess Kunsillier semma li hemm bozza maqtugħa b' numru 25 li tinsab fi Ġnien is-Sinjura. Fl-istess Ġnien hemm post li kellu jservi bħala funtana imma qiegħed battal, huwa qal li ġie avviċinat min nies li qalu biex din titneħħa u jkun hemm aktar ftuħ. Il-Kunsilliera l-oħra qablu li jkun hemm hekk.

Il-Viċi Sindku semma li tlestiet il-gazibo li hemm fi Ġnien is-Sinjura. Inbeda it-tibjid tal-ħajt li hemm quddiem l-iskola Primarja kif kien imsemmi fil-laqgħa ta qabel.

Saret ukoll applikazzjoni għal reserved parking ta Anna Buttigieg li toqgħod fi Triq l-Mtarfa. Twaħħlu ukoll tabelli u mirja mill-ħaddiema tal-IPSL f' diversi żoni madwar l-Mtarfa.

Il-Viċi Sindku semma li hemm bżonn li jinxtara sett tal-welding biex jintuża mill-ħaddiema tal-IPSL f xi xogħol li jista jkun hemm ta ħadid.

Is-Sindku saqsa fiex kienet waslet it-trinka li kellha issir fejn il-Monument tal-Ex Fire Station biex tgħaddi l-connection tad-dawl minnha. Is-Segretarju wieġeb li kien tkellem mas-Sur. Joseph Borda u dan kien qallu li se jagħtih risposta meta jkun jista jagħmel it-trinka fit-triq.

Hemm arblu tad-dawl li jinsab fi Ġnien is-Sinjura li bħalissa qed jiċaqlaq. Il-Viċi Sindku semma li dan jista jitranġa mill-ħaddiema tal-IPSL.

Il-Kunsillier Antoine Vella issuġġerixxa biex titwessa Triq Konti Theuma Kastalletti. Biex titwessa it-triq trid issir talba lil Transport Malta. L-istess Kunsillier issuġerixxa biex tinżabar siġra li hemm fi Triq il-Maqdes Ruman.

Is-Sindku ssuġġerixxa biex għal dawn ix-xhur tas-Sajf issir attivita għal anzjani. Huwa ssuġġerixxa biex issir mawra s' Għawdex. Din l-attivita se ssir fil-bidu ta Settembru. Ġie suġġeritt ukoll li jsir barbeque ġot Towncentre għal bidu ta Settembru wkoll. Għal dan il-barbeque ġie suġġeritt li jagħtu sehemhom l-Mtarfa Drama Group u l-Boy Scouts.

Il-Kunsillier Anatole Scerri Diacono ta suġġeriment biex issir get together għal dawk in-nies li kienu ġew Arvidsjaur. Il-kunsilliera issuġġerixew li jsir barbeque u jingħataw DVD li jitħallas min naħa tal-Kunsill. L-ispejjeż tal-barbeque irridu jitħallsu mill-individwi.

## 7. GĦELUQ IL-LAQGĦA

Il-laqgħa ġiet fi tmiema l-Erbgħa 28 ta' Lulju 2010 fl-għaxra u nofs ta filgħaxija (10.30 p.m.).

Ma kienx hemm qbil fuq il-ħin u l-ġurnata li fiha kellha ssir il-laqgħa għax xahar t' Awwissu. Din se titħabbar aktar il-quddiem.

**Kurt Guillaumier**
**Aġent Segretarju Ezekuttiv**

**Anthony Mifsud**
**Sindku.**